MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2010

Citazzjoni Numru. 336/2009

**A B**

**-vs-**

**C D E F**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' A B fejn din, wara li ppremettiet:

Illi l-kontendenti zzewgu fis-7 ta' Dicembru, 2003, kif jirrizulta mic-Certifikat taz-Zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. A u mil-liema zwieg ma twildux tfal;

Illi l-kunsens tal-intimat ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghhom, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha

mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg u dan ai termini tal-artikolu 19(1)(d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi l-kunsens ghal dan iz-zwieg inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg da parti tal-intimat u dan ai termini tal-artikolu 19(1)(f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi l-intimat, ghalkemm ma kienx interdett jew marid b’mohhu, ma kellux fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intellettwali jew ta’ rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg u dan ai termini tal-artikolu 19(1)(h) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi r-rikorrenti taf personalment bil-fatti kollha dikjarati u debitament enumerati;

Illi ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null skond it-termini tal-artikolu 19 (1) (d) u/jew 19 (1) (h).

Ghaldaqstant, l-attrici titlob sabiex din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn ir-rikorrenti u l-intimat huwa null u bla effett fil-ligi.

Tordna li dina n-nullita’ tigi registrata fuq l-att taz-zwieg relattiv fuq indikat.

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta’ Gunju 2010, fejn deher id-difensur tal-intimat li ta’ ruhu notifikat bl-atti tal-kawza.

Rat li l-istess konvenut, ghalkemm ta’ ruhu b’notifikat bl-atti tal-kawza kif fuq imsemmi, ghazel li ma jipprezentax risposta ghall-kawza.

Rat iz-zewg affidavit prezentati.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Il-Qorti tibda biex tenfasizza il-principju “fil-materja serja ta’ ordni pubbliku bhaz-zwieg”, m’huwiex daqshekk facli li dak li jkun jaghzel il-kontumacja jew, li jaghzel li jikkorrobora dak allegat mir-rikorrent, kif fil-fatt qed isir fil-kaz prezenti ghalkemm fl-istess kontumacja;

“F’materja ta’ zwieg illi huwa ta’ ordni pubbliku, ma tistax taghmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-ligi u l-parti l-ohra tammetti u b’hekk jirrendu z-zwieg annullabbli bl-iktar mod facli u espedjenti. Hawn ma ahniex fil-kamp ta’ kreditu likwidu jew responsabbilta’ ta’ xi kollizjoni imma f’kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax thalli nies li kappriccozament wara xi zmien ta’ zwieg jiddeciedu illi kellhom nuqqas ta’ diskrezzjoni fuq iz-zwieg u meta jkollhom siehba jew sieheb iehor jergghu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirrizultaw verament ragunijiet ghall-annullamnet tieghu l-istess zwieg ghandu jigi annullat pero’ dan ma ghandux ikun sabiex jigu akkomodati l-kapricci ta’ dak jew l-iehor. Ghalhekk il-kawza li ghall-annullament ghandha tirrizulta cara u minghajr dubju.” (“Anna Tonna vs Alexander Tonna”, deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta’ Novembru, 1991).

Jirrizulta mill-ftit provi prodotti f’din il-kawza illi l-partijiet izzewgu wara hbiberija qasira, li lanqas tista’ tissejjah gherusija bl-ghan li l-intimat ikollu l-permess li jibqa’ Malta peress illi huwa Sirjan.

L-attrici fl-affidavit taghha tghid hekk:

“C kien qalli li kellu problema ghax ma kienx jista’ jibqa’ hawn Malta minkejja li kien xtaq jaghmel dan u dan ghaliex il-VISA kienet skadietlu. Kien hemmhekk meta kien spjegali li huwa kien qieghed jikser il-ligi u li kif jinqabad kien ser jitkecca. Jien kien iddispjacini hafna. Jien nghidha kif inhi, il-kumpanija tieghu kienet toghgobni u qabel qatt ma kien kelli xi tip ta’ relazzjoni bhal dik ir-relazzjoni li kienet bdiet tikber bejnietna. Bdejna niltaqghu kwazi kuljum”.

Hija tghid ukoll:

“Wara li tlaqna lil xulxin gieli ltqajna u kull meta ltqajna dejjem tkellimna. Kien jurini li huwa jirrikonoxxi l-fatt li jien kont ghamiltlu pjacir kbir meta zzewwigtu. Jien jiddispjacini ghax dak iz-zmien jiena kien minghalija li kien hemm xi haga aktar bejnietna, ghalkemm illum nammetti li din il-haga la kienet tezisti min-naha tieghi tant u iktar ma kienet tezisti min-naha tieghu. Hu zzewwigni sabiex isolvi l-problema tieghu u jien izzewwigt ghax kont zghira u mmatura”.

Imbaghad l-istess konvenut jghid:

“Jien dak iz-zmien kelli problema ghax il-Visa tieghi kienet skadiet u kont naf li jekk ser ninqabad kont ser nitkecca.

Jien nghid il-verita’ li ma kellix hsieb nizzewweg mara Maltija u dan ghax naf li l-kultura taghna hija wahda differenti ghal kollox.

Izda fis-sitwazzjoni li kont qieghed kelli niddeciedi li nsib lil xi hadd Malti sabiex nizzewweg u dan ghaliex din kienet l-unika soluzzjoni sabiex nirranga l-permess tieghi li bih inkun nista’ noqghod hawn”.

Huwa jghid ukoll:

“Jien kont nippretendi li ghallinqas wara gurnata xoghol kont insib x’niekol avolja konna diga’ ddecidejna li kulhadd ha jghix kif irid hu minghajr ma nindahlu lil xulxin”.

Il-Qorti f’din il-kawza ma tirriskontra ebda prova li b’xi mod twassalha tahseb li seta’ kien hemm fil-kunsens ghal dan iz-zwieg xi vizzju a tenur tal-Art. 19 (1) (d) u ghalhekk ser tiskarta din il-kawzali. I.-ligi f’dan il-kuntest tirrikjedi sitwazzjoni ta’ serjeta’ ferm akbar minn semplici nuqqas ta’ maturita’ kif kellha okkazzjoni tesprimi fil-kawza “Emanuel Camilleri vs Carmen Camilleri, deciza mill-Qorti Civili Prim’Awla fl-10 ta’ Novembru, 1995:

“Ikun hemm id-difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fis-sens ta’ l-ewwel parti tal-paragrafu (d) imsemmi kemm-il darba jirrizulta li, fil-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra tkun priva b’mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta’ kritika – estimativa jew kritika – valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita’ affettiva li hija presuppost ghall-ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Id-difett serju ta’ diskrezzjoni, ghalhekk, ma hux sempliciment nuqqas ta’ riflessjoni, lanqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew decizjonijiet zbaljati – in fatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi prettament kompatibbli ma’ diskrezzjoni ta’ gudizzju”.

Wisq anqas ma kienet tezisti f’dan iz-zwieg f’xi hadd mill-partijiet xi element ta’ nuqqas ta’ raguni jew ta’ rieda kif mahsub fl-Art. 19 (1) (h) tal-Kap. 255. Ghaldaqstant ukoll, din il-kawzali qed tigi skartata.

Jidher pero’ li, fil-mument ta’ ghoti tal-kunsens ghal dan iz-zwieg kien hemm fil-fatt l-eskluzjoni taz-zwieg innifsu, u dan a tenur tal-Art. 19 (1) (f) kif interpretat tul is-snin minn dawn il-Qrati fil-kawza “John Micallef Engerer vs Corinne Camilleri”, deciza mill-Qorti Civili Prim’Awla fit-22 ta’ Ottubru, 2002:

“Fl-interpretazzjoni ta’ dan is-subinciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta’ xi parti fil-perjodu immedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens”.

Fil-kaz in ezami jidher car li l-unika raguni li dahlu ghaz-zwieg il-partijiet kien sabiex l-intimat ma jitkecciex minn Malta. Ma kienx hemm fihom dik l-intenzjoni li jistabbilixxu l-ghaqda ta’ mhabba u hajja li effettivament jikkomprendi z-zwieg. Sinjifikanti l-kliem tal-intimat:

“Konna diga’ ddecidejna li kulhadd ha jghix kif irid hu minghajr ma nindahlu lil xulxin”.

F’ghajnejn din il-Qorti, dan mhux zwieg.

**Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

Tilqa' t-talba tal-attrici u tiddikjara li z-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fis-7 ta' Dicembru 2003, huwa null u bla effett.

L-ispejjez tal-kawza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------